DOWNSTREAM USERS

ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

# Dwar XENARJI TA' ESPONIMENT

## Pariri ta' REACH/CLP għall-utenti ta' sustanzi kimiċi

ECHA-19-B-11-MT

**Xi kultant ix-xenarji ta' esponiment (ESs) huma pprovduti bi skedi ta' data ta' sigurtà (SDSs); flimkien jissejħu skedi ta' data ta' sigurtà estiżi. Ix-xenarji ta' esponiment jiġbru fil-qosor l-informazzjoni ewlenija mill-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika mħejjija għar-reġistrazzjoni ta' REACH ta' sustanza. Dawn jiddeskrivu kif ir-reġistrant jirrakkomanda li inti tikkontrolla l-esponiment tal-ħaddiema, tal-konsumaturi, u tal-ambjent, sabiex tiżgura l-użu sigur tas-sustanza. Dan id-dokument jispjega meta għandek tistenna xenarji ta' esponiment, u jiddeskrivi x'għandek tagħmel meta tirċevihom.**

### Meta tiġi pprovduta informazzjoni dwar xenarju ta' esponiment?




### Dan xi jfisser għal kumpanija li tuża s-sustanzi kimiċi?

Utent downstream huwa obbligat japplika l-miżuri deskritti fix-xenarju ta' esponiment jew jieħu azzjonijiet alternattivi. Dan ifisser li meta tirċievi xenarji ta' esponiment, inti teħtieġ li tiċċekkja li l-użu tiegħek huwa kopert. Kun żgur li l-mod kif tuża s-sustanza jew it-taħlita huwa konsistenti mal-informazzjoni pprovduta. Ikkuntattja lill-fornitur tiegħek jekk ma rċevejtx l-informazzjoni li qed tistenna jew jekk mintix ċert jekk l-użu tiegħek huwiex kopert.

Hemm disponibbli perjodu ta' 12-il xahar sabiex twettaq l-azzjonijiet meħtieġa. Sabiex tissodisfa dan, sistema li torganizza u tiġġestixxi dan il-proċess fi ħdan il-kumpanija tiegħek hija ta' għajnuna. Rabta mal-inventarju tas-sustanzi kimiċi tiegħek u ma' sistemi oħrajn dwar is-saħħa ambjentali u s-sigurtà fuq il-post ta' sikwit tinstab li żżid l-effettività.

Jekk l-użu u l-kundizzjonijiet tal-użu huma koperti fix-xenarju ta' esponiment, iddokumenta dan. Jekk mhumiex koperti, għandek diversi għażliet:

1. implimenta l-kundizzjonijiet fix-xenarju ta' esponiment; jew
2. itlob lill-fornitur tiegħek sabiex ikopri l-użu tiegħek fix-xenarju ta' esponiment tiegħu; jew
3. ħejji rapport dwar is-sigurtà kimika ta' utent downstream, jew
4. biddel il-fornitur, is-sustanza jew il-proċess tiegħek.

## Minn fejn nista' nikseb aktar informazzjoni ...dwar XENARJI TA' ESPONIMENT?




- Gwida Interattiva dwar skedi ta' data ta' sigurtà u xenarji ta' esponiment: https://echa.europa.eu/mt/safety-data-sheets-and-exposure-scenarios-guide
- Gwida Prattika 13 tal-ECHA "Kif utenti downstream jistgħu jindirizzaw xenarji ta' esponiment": http://echa.europa.eu/documents/10162/13655/du_ practical_guide_13_mt.pdf
- Mudelli annotati għal xenarji ta' esponiment, li juru l-istruttura rrakkomandata u jiddeskrivu t-tip ta' informazzjoni inkluża f'kull sezzjoni: http://echa.europa.eu/support/guidance-on- reach-and-clp-implementation/formats
- Eżempji prattiċi ta' xenarji ta' esponiment: https://echa.europa.eu/mt/support/practical-examples-of-exposure-scenarios
- Il-paġni web li fihom informazzjoni mmirata speċifikament għal utenti Downstream ġew itteggjati kif xieraq. Ikklikkja fuq it-tag biex issib il-lista tal-kontenut rilevanti.